MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2010

Numru. 1200/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mario Haber]**

**vs**

**Madi Danbely u**
**Madu Samake**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Madi Danbely detentur tal-Police Number 07111-024 u Madu Samake detentur tal-Police Number 08B-021.

Akkuzati talli f'data mhux maghrufa qabel Novembru, 2010:
Bhala persuni illi mbarkaw jew zbarkaw, minn gewwa Malta naqsu illi jkollhom passaporti u naqsu illi jaghtu lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali

tal-immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg (Kap. 217, Sec. 28 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Kif ukoll akkuzat Madu Samake biss,

Talli fl-4 ta' Mejju 2009, harab minn post ta' kustodja pubblika, cioe` 'Safi Detention Centre (Kap. 9, Sec. 151, 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;
Rat l-artikoli indikati; u cioe` L-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 151 u 152 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni u konferma ta' tali ammissjoni mill-imputati Madi Danbely u Madu Samake wara li nghataw iz-zmien opportun mill-Qorti sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom, issib lill-istess hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u fil-konfront ta' Madi Danbely qed tikkundannah ghal perijodu ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur u fil-konfront ta' Madu Samake qed tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------